**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 24 ta' Novembru, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-vs-**

**Antoine Fenech detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 557575M**

***Kumpilazzjoni Nru. 461/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Antoine Fenech u cioe` talli:

> Nhar il-11 ta' Settembru, 2020 ghall-habta tal-10.30 ta' filghodu, gewwa Triq ic-Cimiterju, Zabbar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Raymond Buhagiar f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccetifikat minn Dr. Chris Muscat nru. mediku 1493 bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Raymond Buhagiar, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju, u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-hati għal ħlas, lir-registratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inkluzi dawk l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-proces verbal, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmi Raymond Buhagiar u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni that dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat li waqt l-udjenza tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender* u tac-cirkostanzi tal-kaz, fosthom dak dikjarat mill-parte civile li dan l-incident kien in segwitu ta' diverbju fejn kien hu stess li lissen kliem mhux adatti fil-konfront tal-imputat.

Dawn il-fatti nghataw piz fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti meta giet biex tqis il-piena li kellha tigi erogata li certament in vista ta' dawn ic-cirkostanzi partikolari ma ghandhiex tkun wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 216(1)(a)(iii)(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien ghoxrin (20) xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Raymond Buhagiar ghal zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**